MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-5 ta' Novembru, 2012

Numru. 501/2008

Il-Pulizija
(Sp Anthony Portelli)
vs
Mignon Laferla, bint John Scicluna, imwielda tas-Sliema
fit-13 ta' Jannar, 1973, karta ta' l-identita numru 89873(M)

Il-Qorti,
Rat l-akkuża kontra l-imputata talli b'diversi atti magħmulin ukoll jekk fi żminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-liġi u li ġew magħmula b'risoluzzjoni waħda:
Ġewwa San Ġiljan bejn is-7.00 p.m. tat-2 ta' Frar, 2008 u is-1.00 a.m. tat-3 ta' Frar, 2008, kif ukoll bejn it-3.00 p.m. u l-4.00 p.m. tat-3 ta' Frar, 2008 ikkomettiet serq ta' flus kontanti minn ġewwa l-Kontiki Restaurant tal-lukanda Radisson Bay Point, li tinsab li Triq ix-Xatt ta' San Ġorġ,

San Ġiljan liema serq hu kkwalifikat bil-persuna u bil-ħin li sar għad-dannu tad-dirigenti ta’ l-imsemmija lukanda.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi nkluża x-xhieda ta’ l-imputata bil-ġurament.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputata.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-7 ta’ Frar, 2008 il-pulizija ġiet infurmata minn Joseph Aloysio fil-kapaċita tiegħu bħala ‘head security’ tal-lukanda Sas Radisson Baypoint, Pembroke li kellhu suspett li waħda mill-kaxxiera ‘part time’, li hi l-imputata, kienet qed tisraq mis-sales tar-restaurant fejn kienet taħdem. Hu nforma l-pulizija li kien qed ikollhom diskrepanzi fis-sales komparat man-nies li kienu jidħlu. Minħabba dan il-fatt, kienet ġiet installata CCTV camera fuq il-‘cash till’. Skont Joseph Aloysio hu nforma lill-pulizija li kellhom filmati li juru li l-imputata dehret diversi drabi li taqbad il-flus li kien hemm fil-cash u tifagħhom fil-handbag tagħha. Dan ġara fit-2 ta’ Frar, 2008 u darbtejn oħra fit-3 ta’ Frar, 2008. Fit-2 ta’ Frar, 2008 l-imputata kienet qed tieħu ħsieb id-‘dinner’ fil-waqt li l-għada kienet xogħol għall-‘lunch’.

Illi l-pulizija bagħtu għall-imputata u talbuha spejazzjoni ta’ dak li kien ġara. Fl-istqarrija li l-imputata rrilaxxat lill-pulizija u speċifikatament fis-17 ta’ Frar, 2008 hi tat spjegazzjoni ta’ dak li ġara. Hi qalet li kienet taf li kellha CCTV camera fuq rasha u hi spjegata li dak il-flus li hi kienet qed tieħu kienu flus tagħha li hi kienet qegħdet fil-cash biex ikollha aktar flus kontanti għal bqija. Hi qalet li kienu qed ibagħtu minn problemi ta’ ‘float’ u għalhekk kienet iġġib il-flus magħha mid-dar. Hi stiednet lill-pulizija biex imorru d-dar biex jivverifikaw li hi kellha ż-żgħar id-dar iżda dan il-pulizja ma għamluhx.

Illi mill-provi prodotti ma jirrizultax l-ammont ta' diskrepanza li kien hemm, tant hu hekk li l-akkuża ta' serq ma għandhiex l-aggravju tal-valur.  Mhux talli hekk iżda ma hemm ebda prova, li kellha titressaq mill-management tal-lukanda minn fejn jirrizulta kif l-imputata serqet il-flus. Fil-fatt f'dan il-każ il-prosekuzzjoni straħet biss fuq il-filmati eżebiti f'dawk il-jumejn partikolari.

Illi jirrizulta li jekk il-kaxxier kien imur 'under', hu kien ikun obbligat li jħlaas il-flus li ġew nieqsa.  Jekk imur 'over' il-flus kienu jibqgħu għand il-lukanda.

Illi ħadd ma spjega lil din il-Qorti kif il-flus kienu qed jinsterqu.  Ħadd ma xehed li sab diskrepanzi fl-inventarju tal-imbejjed jew tad-'drinks' jew tal-ikel – it-tlett komponenti li restaurant jopera bihom.  Jidher li d-diskrepanza kienet bejn dak li l-headwaiter kien ikollu miktub bħala 'bookings' u in-nies li fil-fatt ġew jieklu.  Min imkien ma jirrizulta li saret 'head count' waqt dawk il-jumejn inkriminati.

Illi l-imputata kienet talbet lill-pulizija biex jaraw il-filmati tar-'receptiion' minn fejn jirrizulta li l-imputata kienet tqiegħed il-flus fil-'cash till'.  Dawn il-filmati qatt ma ġew jew xi ħadd innega l-eżistenza tagħhom.

Illi mix-xhieda ta' Mario Caruana li għamel għaxar snin jaħdem bħala 'night auditor' f'din il-lukanda jirrizulta li fil-'weekend' kien ikun hem problema ta' 'float'.  Tant hu hekk, li hu xehed li hu kien iġib aktar 'float' mid-dar u ġieli kien ikun hemm ġranet li jkollu joħroġ il-flus mill-but. Jirrizulta wkoll li kien ikun id-'duty manager' li jagħlaq mal-kaxxier u jekk ikun hemm xi diskrepanza l-kaxxier iħallas. Hu xehed ukoll li sakemm hu baqa' mpjegat hemm, jiġifieri sas-sena 2010, il-'float' kienet marda kronika.  Min-naħa l-oħra hu xehed li ma kienx jaf li l-imputata kienet iġġib il-flus mid-dar.

Illi fuq l-iskorta tal-provi prodotti din il-Qorti qatt ma jista' li ssib ħtija fl-aġir ta' l-imputata.  Huwa veru li kieku kien ikun ferm aħjar li l-imputata nfurmat lis-superjuri tagħha b'dak li kienet qed tagħmel.  Hu ċar li l-management tal-

lukanda kienu kuntenti bil-filmati iżda dan mhux biżżejjed biex tasal għal konkluzjoni li l-imputata kienet qed tisraq. Kien ikun ferm aħjar kieku dan l-eżerċizzju kien estiż fuq diversi ġranet u fuq il-kaxxiera kollha. Inventarji tax-xorb, tal-ikel u tal-ordnijiet tal-kljenti mir-restaurant għal għand il-kċina kienu zgur jagħtu stampa ferm ċara jekk kien hemm xi serq minn xi mpjegat.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputata ħatja tal-akkuża miġjuba kontra tagħha u għalhekk tilliberaha minn tali akkuża.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------